

32006R1233

L 225/14

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

17.8.2006

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1233/2006****tas-16 ta' Awwissu 2006****li jiftaħ u jamministra kwota tariffarja tal-importazzjoni għal-laħam tal-majjal allokata għall-Istati Uniti tal-Amerika**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2759/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 fuq l-organizzazzjonijiet komuni tas-suq tal-laħam tal-majjal<sup>1</sup> u partikolarment l-Artikolu 8(2), l-Artikolu 11(1) u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 22 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994<sup>2</sup>, li kien approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/333/KE<sup>3</sup>, jipprovdi għall-inkorporazzjoni ta' pajjiż allokat (l-Istati Uniti tal-Amerika) kwota tariffarja ta' 4 722 tonnallata ta' laħam tal-majjal.
- (2) Sabiex l-importazzjonijiet iżommu pass regolari, l-kwantitajiet ta' prodotti koperti mir-reġim ta' importazzjoni għandhom jiferrxu fuq perjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju.
- (3) L-amministrazzjoni tal-kwota tariffarja għandha tkun ibbażata fuq il-liċenzji ta' importazzjoni. Għal dan il-għan, jeħtieġ li jiġu definiti r-regoli għat-tressiq tal-applikazzjonijiet u t-tagħrif li għandu jingħata fl-applikazzjonijiet u l-liċenzji. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000 tad-9 ta' Ġunju 2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji tal-importazzjoni u

<sup>1</sup> ĠU L 282, 1.11.1975, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).

<sup>2</sup> ĠU L 124, 11.5.2006, p.15.

<sup>3</sup> ĠU L 124, 11.5.2006, p. 13.

- tal-esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' ffixsar bil-quddiem għal prodotti agrikoli<sup>4</sup> għandhom japplikaw, ħlief meta pprovdut xort'oħra f'dan ir-Regolament.
- (4) Minħabba l-possibilità ta' adeżjoni mill-1 ta' Jannar 2007 tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea, ikun għaqli jekk jingħata perjodu differenti għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet tal-liċenzji għall-ewwel tliet xhur tas-sena 2007.
- (5) Bil-għan li tiġi garantita amministrazzjoni xierqa tal-kwota tariffarja, jeħtieġ li l-ammont tal-garanzija marbuta mal-liċenzji tal-importazzjoni taħt is-sistema jiġi stabbilit għal EUR 20 għal kull 100 kilogramma. Il-probabilità inerenti tal-ispekulazzjoni fis-sistema kkonċernata fis-settur tal-laħam tal-majjal iwassal biex jiġu determinati l-kundizzjonijiet preċiżi għall-aċċess għall-operaturi għas-sistema msemmija.
- (6) Għandha ssir dispożizzjoni biex il-liċenzji joħorġu wara perjodu ta' konsiderazzjoni u, fejn hu neċessarju, għandu jiġi applikata allokazżjoni koeffiċjenti biex jiġi stabbilit l-ammont konċess għal kull applikazzjoni.
- (7) Fl-interessi tal-operaturi, għandha ssir dispożizzjoni għall-irtirar tal-applikazzjonijiet wara li jiġi ffixsat il-koeffiċjent li għandu jiġi applikat.
- (8) L-attenzjoni tal-operaturi għandha tinġibed lejn il-fatt li liċenzji jistgħu jintużaw biss għal prodotti li jħarsu r-rekwiżiti veterinarji fis-seħħ fil-Komunità.
- (9) Sabiex tiġi żgurata amministrazzjoni kif suppost tas-sistema ta' importazzjoni, il-Kummissjoni għandha bżonn informazzjoni preċiża mill-Istati Membri dwar il-kwantitajiet li fil-fatt ikunu importati. Biex ikun hemm ċarezza huwa neċessarju li jintuża mudell wieħed meta jiġu komunikati l-kwantitajiet bejn L-Istati Membri u l-Kummissjoni.
- (10) B'deroga mir-Regolament (KE) Nru 1291/2000 u sabiex tassigura li l-kwantità importata ma taqbix il-kwantità taħt dan ir-reġim, it-tolleranza pprovduta fl-Artikolu 8(4) ta' dak ir-Regolament ma għandux japplika.
- (11) Għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2006 sat-30 ta' Settembru 2006 l-operaturi għandhom jintroduċu applikazzjoni għal-liċenzji matul l-ewwel ħmistax-il ġurnata wara id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Għalhekk huwa rakkomandabbli li jkun provdut li dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (12) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Laħam tal-Majjal,

<sup>4</sup> ĠU L 152, 24.6.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 410/2006 (ĠU L 71, 10.3.2006, p. 7)

## ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-kwoti taariffarji tal-importazzjoni pprovduti fl-Anness I għandhom jinfetħu ta' kull sena għall-prodotti u bil-kundizzjonijiet stipulati fih.'

*Artikolu 2*

Il-kwoti tariffarji pprovduti fl-Anness I għandhom jitqassmu kif ġej:

- 25% fil-perjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru;
- 25% fil-perjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru;
- 25% fil-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu;
- 25% fil-perjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju.

*Artikolu 3*

L-oġġetti kollha importati fil-Komunità taħt il-kwota tariffarja msemija fl-Artikolu 1 għandhom ikunu soġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenzja tal-importazzjoni.

*Artikolu 4*

Il-liċenzji tal-importazzjoni għall-kwota tariffarja provduti fl-Anness I se jkunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

- (a) l-applikanti għal-liċenzji ta' importazzjoni għandhom jkun persuni fiżiċi jew legali li, fil-waqt tat-tressiq tal-applikazzjonijiet, għandhom juru, għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, li ilhom involuti fin-negozju tal-laħam tal-majjal ma' pajjiżi terzi tal-anqas fit-tnaqs il-xahar ta' qabel;
- (b) l-applikazzjonijiet għal-liċenzja għandha ssemmi biss numru tas-serje stipulat fl-Anness I u jista' jnvolvi bosta prodotti koperti minn kodiċi differenti tan-NM u li joriġinaw fl-Istati Uniti tal-Amerika; f'dawn il-każijiet, il-kodiċi tan-NM kollha għandhom ikunu indikati fit-taqsima 16 u d-deskrizzjonijiet tagħhom fit-taqsima 15;
- (c) għan-numru tas-serje, l-applikazzjonijiet għal-liċenzja għandhom ikunu għal mill-inqas 20 tunnellata metrika sa massimu ta' 20 % tal-kwantità disponibbli fil-perjodu speċifikat fl-Artikolu 2.
- (d) it-taqsima 8 tal-applikazzjoni għal-liċenzja u tal-liċenzji għandhom jindikaw il-pajjiżi ta' oriġini u l-kaxxa li tindika "iva" għandha tiġi ttikkjata biex tindika li din l-indikazzjoni hija obbligatorja.
- (e) it-taqsima 20 tal-applikazzjonijiet għal-liċenzja u tal-liċenzji għandhom juru waħda mill-kitbiet elenkati fl-Anness II;

(f) it-taqsima 24 tal-liċenzji għandha turi waħda mill-kitbiet elenkati fl-Anness III;

Minkejja l-punt (a) tal-ewwel paragrafu, il-bejjiegħa bl-imnut u l-istabbilimenti tal-ikel li jbiegħu l-prodotti lill-konsumatur huma esklużi mis-sistema.

#### *Artikolu 5*

1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzja għandhom jitressqu fl-ewwel sebat ijiem tax-xahar qabel il-perjodu speċifikat fl-Artikolu 2.

Madankollu għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2006 sat-30 ta' Settembru 2006 l-applikazzjonijiet għal-liċenzji għandhom jiġu ppreżentati matul l-ewwel ħmistax-il ġurnata wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Marzu 2007 l-applikazzjonijiet tal-liċenzji għandhom jiġu ppreżentati matul l-ewwel ħmistax-il ġurnata ta' Jannar 2007.

2. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji għandhom ikunu ammissibbli biss meta l-applikant jiddikjara bil-miktub li hu ma ssottomettix, u jobbliga ruħu li ma jissottomettix, applikazzjonijiet oħra fir-rigward tal-istess perjodu għall-prodotti li huma fin-numru tas-serje fissat fl-Anness I fl-Istat Membru li fih l-applikazzjoni tiegħu tkun tressqet jew fi Stat Membru ieħor.

Meta applikant jissottometti aktar minn applikazzjoni waħda għall-prodotti tan-numru tas-serje msemmi fl-Anness I, l-applikazzjonijiet kollha ta' dan l-applikant ma jkunux ammissibbli.

3. Għandha tiġi depożitata garanzija ta' EUR 20 għal kull 100 kilogramma rigward l-applikazzjonijiet għal-liċenzja tal-importazzjoni għall-prodotti kollha msemmija fl-Anness I.

4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni fit-tielet jum ta' xogħol li jiġi wara it-tmien tal-perjodu li fih tista' tintbagħat l-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, bl-applikazzjonijiet mibgħuta għal kull wieħed mill-prodotti kkonċernati. Dawn in-notifikazzjonijiet għandhom jinkludu lista ta' applikanti u stqarrija tal-kwantitajiet li għalihom tkun saret applikazzjoni skont il-prodott.

In-notifikazzjonijiet kollha, inklużi n-notifikazzjonijiet "nulli", għandhom isiru permezz ta' mezzi elettroniċi fil-ġurnata tax-xogħol pprovduta fl-ewwel subparagrafu, u għandu jintuża l-mudell stabbilit fl-Anness IV f'dawk il-każijiet fejn ma jkunux ġew sottomessi applikazzjonijiet, u l-mudelli li jidhru fl-Annessi IV u III f'każijiet fejn ikunu tressqu l-applikazzjonijiet.

5. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi mill-aktar fis possibbli safejn u sakemm jistgħu jiġu konċessi l-kwantitajiet rigward applikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3.

Jekk il-kwantitajiet li għalihom ikunu saru applikazzjonijiet għal-liċenzji jissuperaw il-kwantitajiet disponibbli, il-Kummissjoni għandha tiffissa koeffiċjent tal-allokazzjoni bħala perċentwal ta' aċċetazzjoni għall-kwantitajiet li tkun saret applikazzjoni għalihom.

Jekk il-perċentwal ikun inqas minn 5 %, il-Kummissjoni tista' tirrifjuta l-applikazzjonijiet kollha u l-garanzija korrispondenti għandha tkun rilaxxata minnufih.

6. L-operaturi jistgħu jirtiraw l-applikazzjonijiet tagħhom għal-liċenzja fi żmien għaxar ġranet tax-xogħol wara l-publikazzjoni tal-allokazzjoni koeffiċjenti f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jekk l-applikazzjoni ta' dik ir-rata tirriżulta fl-iffissar ta' kwantità ta' anqas minn 20 tunnellata għan-numru tas-serje. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan fi żmien ħamest ijiem wara l-irtirar tal-applikazzjoni għal-liċenzja u għandhom jirrilaxxjaw is-sigurtà minnufih.
7. Il-Kummissjoni għandha tikkalkola l-kwantità li tibqa', li għandha tiżdied mal-kwantità disponibbli fir-rigward il-kwart tas-sena segwenti għall-istess perjodu tal-kwota.
8. Il-liċenzji għandhom jinħarġu mill-aktar fis possibbli wara li l-Kummissjoni tkun ħadet id-deċiżjoni tagħha.
9. Il-liċenzji jistgħu jintużaw biss għal prodotti li jikkonformaw mar-rekwiżiti veterinarji kollha fis-seħħ fil-Komunità.
10. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, qabel it-tmiem tar-raba' xahar ta' wara kull perjodu annwali, dwar il-volum totali tal-prodotti, speċifikat bil-kodiċi tan-NM, li ddaħħlu għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa taħt dan ir-Regolament matul dak il-perjodu.

In-notifiki kollha, inklużi dawk "nulli", għandhom isiru bl-użu tal-mudell stipulat fl-Anness VI.

### *Artikolu 6*

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, il-liċenzji tal-importazzjoni għandhom ikunu validi għal perjodu ta' 150 ġurnata mid-data reali tal-ħruġ.

Madakollu, il-liċenzji ma għandhomx jibqgħu validi wara t-tmiem tal-aħħar perjodu tas-sena li hemm referenza għalih fl-Artikolu 2 li fiha tkun inħarġet il-liċenzja.

2. Il-liċenzji ta' importazzjoni maħruġa b'mod konformi ma' dan ir-Regolament ma għandhomx ikunu trasferibbli.

### *Artikolu 7*

L-aċċess għall-kwota tariffarja huwa soġġett għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat tal-orijini maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Uniti tal-Amerika skont l-Artikoli 55 sa 65 tar-

Regolament (KEE) Nru 2454/93<sup>5</sup>. L-oriġini tal-prodotti koperti b'dan ir-Regolament għandhom ikunu stabbiliti skont ir-regoli Komunitarji fis-seħħ.

#### *Artikolu 8*

Ir-Regolament (KE) Nru 1291/2000 jgħandu japplika, għajr meta pprovvdut xorta oħra f'dan ir-Regolament.

B'deroga mill-Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, il-kwantità importata permezz ta' dan ir-Regolament ma tistax teċċedi dik murija fit-taqsimiet 17 u 18 tal-liċenzja tal-importazzjoni.

Iċ-ċifra "0" għandha għalhekk tiddaħħal fit-taqsimi 19 tal-liċenzja.

#### *Artikolu 9*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2006.

Madankollu, l-Artikolu 5 għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 16 ta' Awwissu 2006

*Għall-Kummissjoni*  
*Mariann FISCHER BOEL*  
*Membri tal-Kummissjoni*

---

<sup>5</sup> ĠU L 253, 11.10.1993, p.1.

**L-ANNESS I**

| Nru tas-Serje | Kodiċi NM                  | Deskrizzjoni tal-prodott                                    | Dazju applikabbli | Kwantità totali tal-piż tal-prodott f'tunnellati mill-1 ta' Lulju 2006 |
|---------------|----------------------------|-------------------------------------------------------------|-------------------|------------------------------------------------------------------------|
| 09.4170       | ex0203 1955<br>ex0203 2955 | Lonziet u prieżet dissussati friski, imkessħa jew iffriżati | EUR 250/t         | 4 722                                                                  |

**L-ANNESS II****Entrati msemmija fil-punt (e) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4**

- bl-Ispanjol : Reglamento (CE) no 1233/2006
- biċ-Ċekħ : Nařízení (ES) ċ. 1233/2006
- bid-Daniż : Forordning (EF) nr. 1233/2006
- bil-Ġermaniż : Verordnung (EG) Nr. 1233/2006
- bl-Estonja : Määrus (EÜ) nr 1233/2006
- bil-Grieg : Κανονισμός (ΕΚ) αριθ. 1233/2006
- bl-Ingliż : Regulation (EC) No 1233/2006
- bil-Frañċiż : Règlement (CE) no 1233/2006
- bit-Taljan : Regolamento (CE) n. 1233/2006
- bil-Latvjan : Regula (EK) Nr. 1233/2006
- bil-Litwanjan : Reglamentas (EB) Nr. 1233/2006
- bl-Ungeriż : 1233/2006/EK rendelet
- bil-Malti : Regolament (KE) Nru 1233/2006
- bl-Olandiż : Verordening (EG) nr. 1233/2006
- bil-Pollakk : Rozporządzenie (WE) nr 1233/2006
- bil-Portugiż : Regulamento (CE) n.o 1233/2006
- bis-Slovakk : Nariadenie (ES) ċ. 1233/2006
- bis-Sloven : Uredba (ES) št. 1233/2006
- bil-Finlandiż : Asetus (EY) N:o 1233/2006
- bl-Iżvediż : Förordning (EG) nr 1233/2006

**L-ANNESS III****Entrati msemija f'punt (f) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4**

- bl-Ispanjol : Reducción de los derechos del AAC en virtud del Reglamento (CE) no 1233/2006
- biċ-Ċek : SCS cla snížená podle nařízení (ES) ċ. 1233/2006
- bid-Daniżh : FTT-toldsats nedsat i henhold til forordning (EF) nr. 1233/2006
- bil-Ġermaniż : Ermäßigung des Zollsatzes nach dem GZT gemäß Verordnung (EG) Nr. 1233/2006
- bl-Estonjan : Ühise tollitariifistiku tollimakse vähendatakse vastavalt määrusele (EÜ) nr 1233/2006
- bil-Grieg : Μειωμένος δασμός του κοινού δασμολογίου, όπως προβλέπει ο κανονισμός (ΕΚ) αριθ. 1233/2006
- bl-Ingliż : CCT duties reduced as provided for in Regulation (EC) No 1233/2006
- bil-Frañċiż : Droits du TDC réduits conformément au règlement (CE) no 1233/2006
- bit-Taljan : Dazi TDC ridotti secondo quanto previsto dal Regolamento (CE) n. 1233/2006
- bil-Latvjān : KMT nodoklis samazināts, kā noteikts Regulā (EK) Nr. 1233/2006
- bil-Litwanjan : BMT muitai sumažinti, kaip numatyta Reglamente (EB) Nr. 1233/2006
- bl-Ungeriż : A közös vámtarifában meghatározott vámtételek csökkentése a 1233/2006/EK rendeletnek megfelelően
- bil-Malti : Dazji TDK imnaqqsa kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1233/2006
- bl-Olandiż : Invoer met verlaagd GDT-douanerecht overeenkomstig Verordening (EG) nr. 1233/2006
- bil-Pollakk : Cła pobierane na podstawie WTC, obniżone, jak przewidziano w rozporządzeniu (WE) nr 1233/2006
- bil-Portugiż : Direitos PAC reduzidos em conformidade com o Regulamento (CE) n.o 1233/2006
- bis-Slovakk : Clo SCS znížené podľa ustanovení nariadenia (ES) ċ. 1233/2006
- bis-Sloven : Carine SCT, znižane, kakor določa Uredba (ES) št. 1233/2006
- bil-Finlandiż : Yhteisen tullitariffin mukaiset tullit alennettu asetuksen (EY) N:o 1233/2006 mukaisesti

- 
- bl-Iżvediż : Tullar enligt gemensamma tulltaxan skall nedsättas i enlighet med förordning (EG) nr 1233/2006

**L-ANNESS IV****L-APPLIKAZZJONI TAR-REGOLAMENT (KE) NRU 1233/2006**

|                                                                                                                                                                                |       |          |
|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-------|----------|
| Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej – DĠ għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali<br>Unità D.2 - Implimentazzjoni tal-miżuri tas-suq<br><b>Is-settur tal-laħam tal-majjal</b> |       |          |
| Applikazzjoni għal-liċenzji<br>tal-importazzjoni b'rata tad-<br>dazju mnaqqsa<br><br>L-Istati Uniti tal-Amerika                                                                | Data: | Perjodu: |

Stat Membru:

Mingħand:

Persuna ta' kuntatt:

Tel:

Feks:

Min qed jirċievi n-notifika : AGRI.D.2

Feks: +32 2 292 17 39 posta elettronika: AGRI-IMP-PORK@ec.europa.eu

| Nru tas-Serje | Kwantita li ssir<br>applikazzjoni dwarha<br><i>(il-piż tal-prodotti f'kg)</i> |
|---------------|-------------------------------------------------------------------------------|
| 09.4170       |                                                                               |

**L-ANNESS V****L-APPLIKAZZJONI TAR-REGOLAMENT (KE) NRU 1233/2006**

|                                                                                                                                                                              |       |          |
|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-------|----------|
| Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej DĠ għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali<br>Unità D.2 - Implimentazzjoni tal-miżuri tas-suq<br><b>Is-settur tal-laħam tal-majjal</b> |       |          |
| Applikazzjoni għal-liċenzji tal-importazzjoni b'rata tad-dazju mnaqqsa<br><br>L-Istati Uniti tal-Amerika                                                                     | Data: | Perjodu: |

Stat Membru:

| Nru tas-Serje | Kodiċi NM | applikant<br>(Isem u Indirizz) | Kwantita li ssir applikazzjoni dwarha<br>(il-piż tal-prodotti f'kg) |
|---------------|-----------|--------------------------------|---------------------------------------------------------------------|
| 09.4170       |           |                                |                                                                     |

**ANNEX VI****L-APPLIKAZZJONI TAR-REGOLAMENT (KE) NRU 1233/2006**

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej DĠ għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Unità D.2 - Implimentazzjoni tal-miżuri tas-suq

**Is-settur tal-laħam tal-majjal**

**NOTIFIKA DWAR L-IMPORTAZZJONIJIET ATTWALI**

L-Istati Membri: .....

Applikazzjoni ta' Artikolu 4(8) tar-Regolament (KE) Nru xxxx/2006

Kwantità ta' prodotti (piż tal-prodott f'kg) attwalment importati:

Min qed jirċievi n-notifika : AGRI.D.2

Feks: +32 2 292 17 41 posta elettronika: AGRI-IMP-PORK@cec.eu.int

| Nru tas-Serje | Kwantità li attwalment<br>iddaħħlet għaċ-ċirkolazzjoni<br>ħielsa | Il-pajjiż tal-orġini<br>L-Istati Uniti tal-Amerika |
|---------------|------------------------------------------------------------------|----------------------------------------------------|
| 09.4170       |                                                                  |                                                    |